MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 119/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**Vs**
**Stephen Bonello**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Settembru, 2003 ghal habta tal-11.30 ta' filghodu:**
**1) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq, hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli (tank tal-ilma) ghad-dannu ta' Saviour Grech mir-Rabat, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) – bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2) Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi, f'post pubbliku, spara air-rifle tal-marka 'Diana', mudell 54 bin-numru serjali 04022221 – bi ksur ta' l-Artikolu 24(2) tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3) Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu jew kellu f'idejh, jew fuqu, l-imsemmi air-rifle barra minn fond jew post li jaghmel mieghu – bi ksur ta' l-Artikolu 3(1A)(2) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4) Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jzomm l-stess air-rifle fil-kustodja tieghu b'mod li ma setax jigi f'idejn haddiehor – bi ksur ta' l-Artikolu 8(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**5) Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon xort'ohra milli b'licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dak il-munizzjon ghandux jinzamm taht idejn il-persuna li tat l-avviz – bi ksur ta' l-Artikolu 9(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**6) Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala pussessur ta' licenzja taht l-Artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja jew kellu ghandu, jew f'idejh, jew fuqu, l-imsemmija air-rifle li ma kienx msemmi f'dik il-licenzja – bi ksur ta' l-Artikolu 16 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**7) Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt ta' hsara fil-propjeta` ta' terzi persuni, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari – bi ksur ta' l-Artikolu 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 t'April, 2005, li biha wara li

rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9, l-artikolu 24(2) tal-Kap. 33, l-artikolu 3(1A), 8(1), 9(1), 16 u 26 tal-Kap. 66, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti w illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor zmien sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 u kkundannatu ukoll ihallas lill-parti leza hamsa w sittin liri Maltin (LM65) zmien mhux aktar minn xahrejn.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fis-26 t'April, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma s-sejbien ta' htija izda tirrevoka l-istess sentenza kwantu ghall-piena w l-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u minflok tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa fis-sens illi l-Ewwel Qorti, fil-waqt li sabet htija fuq l-akkuzi kollha, applikat l-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta meta dan kien espressament eskluz fl-artikolu 27 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta, taht liema ligi l-appellat instab ukoll hati. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta applikat il-Kap.446.**

**Semghet it-Trattazzjoni;**

**Rat il-verbal tallum li bih l-appellant iddikjara li hu gja hallas l-ammont ta' LM 65 kif ordnat fis-sentenza appellata.**

**Semghet lil Dr. Toni Abela LL.D jikkonferma bil-gurament li kien hu stess li effettwa dan il-pagament bi' cheque lil parte civile.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebta mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif tajjeb irrileva l-Avukat Generali l-appellat kien instab hati ta' ksur ta' diversi dispozizzjonijiet tal-Kap.66 u senjatament l-artikoli 3 (1A) , 8 (1), 9 (1) 16 u 26 . Illi inoltre tajjeb issottometta li skond l-artikolu 27 tal-istess Kapitolu 66, Id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation u ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma japplikaw ghall-ebda reat kontra d-dispozizzjonijiet tal-istess Ordinanza. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali huwa gustifikat .**

**F' dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti trid bil-fors jew tapplika l-piena karcerarja, effettiva jew sospiza, jew il-multa, fejn hu l-kaz.**

**Illi l-piena ghat-tielet imputazzjoni hija dik ta' prigunerija minn xaharejn sa sentejn. Il-piena ghar-raba imputazzjoni hija l-multa. Dik tal-hames imputazzjoni hija l-multa ta' mhux inqas minn tletin lira jew tal-prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur. Dik ghas-sitt imputazzjoni hija ta' prigunerija minn tlitt xhur sa tlitt snin u dik ghas-seba imputazzjoni hija ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn. Dana apparti li d-danni volontarji li huma kontemplati fl-ewwel imputazzjoni huma ukoll punibbli bil-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa sena skond l-artikolu 325 (1) (b). Umbaghad il-piena ghat-tieni imputazzjoni li taqa' taht il-Kap.33 hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn ghoxrin lira u mhux izjed minn mitejn lira jew dik tal-prigunerija w multa flimkien skond l-artikoli 29 33 (1) u 24 (2) tal-istess Ordinanza.**

**Ghalhekk hu l-kaz li tigi applikata piena ta' prigunerija , pero' stante l-fattispecji tar-reat u l-fedina penali assolutament netta tal-appellat, din il-Qorti thoss li din ghandha tkun sospiza a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet htija fl-appellat tal-**

**imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w in kwantu kkunndannatu wkoll ihallas lill-parti leza l-ammont ta' hamsa w sittin lira Maltin (LM65) fi zmien mhux aktar minn xaharejn – li issa rrizulta li diga' thallas – tirrevokaha in kwantu lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap.446 u, minnflok, wara li rat l-artikoli 17, 28A u 28H tal-Kap. 9, u anki bl-applikazzjoni tal-principju tal-konkors formali jew idejali dwar il-pieni fejn huwa l-kaz, tikkunndanna lill-appellat ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija, liema sentenza pero' m'ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba (4) snin mill-lum, l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih ikun hemm il-piena ta' prigunerija w tiddikjara li l-ordni fuq imsemmi ghall-hlas tal-kumpens qed jigi konfermat skond l-artikolu 28H tal-istess Kap.9.**

**Il-Qorti spjegat bi kliem car lill-appellat ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk hu jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija matul il-periodu operattiv ta' dis-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------